SANNAT

Minuti tal-ħames laqgħa tas-sebgħa leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 26 ta’ Awwissu ta’ 2009 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Anthony Merċieċa |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

106 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru erba’ li saret fil-5 ta’ Awwissu 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

107 *(para. 63)* Dwar il-proġett tal-*Urban Improvement Funds* tal-fanali dekorattivi ta’ Triq Sannat, il-Kunsill irrid joħroġ l-offerta, kif ukoll jitlob lill-MEPA għal estensjoni sa’ l-aħħar ta’ Jannar 2009 sabiex ikun lest il-proġett.

108 *(para. 66)* Il-laqgħa mal-Kunsill Lokali Xewkija u l-Action Committee ta’ Mġarr ix-Xini Regional Park li kellha ssir fis-16 ta’ Settembru 2009 fis-7.00 p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsil Lokali Sannat biex jiġi diskuss l-*Interpretation Centre* mhux ser issir. Ir-raġuni hi għaliex is-Sindku ta’ Sannat ser ikun imsiefer. Għandhu jiġi propost lill-Kunsill Lokali tax-Xewkija sabiex din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta, 22 ta’ Settembru 2009 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

109 *(para. 67)* Il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said ser issir nhar il-Ħamis, 24 ta’ Settembru fil-10.00 a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill

110 *(para. 68)* Saret il-laqgħa mal-kumpanija Waste Serv Malta Ltd. fis-24 ta’ Awwissu fil-10.00a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attenda Ismael Sultana f’ isem il-Waste Serve Malta Ltd. Hu tkellem mal-Kunsill dwar il-*Bring in sites* li hemm fil-lokalita’ u xtaq ikun jaf jekk hemmx ilmenti dwar dan is-servizz. Is-Sur Sultana qal li madwar xahrejn oħra ser ikun hawn xi żviluppi ġodda dwar il-*bring in sites*. Hu offra lill-Kunsill li jġibu stand ta’

informazzjoni jew jagħmlu xi taħdita dwar l-edukazzjoni tas-separazzjojni ta' l-iskart waqt xi attivita' tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jikkunisdra li jagħmel attivita' f'Ottubru fejn jiġu mistiedna l-Waste Serv Malta Ltd. biex isir iktar enfasi dwar l-indafa u separazzjoni tal-iskart. Is-Sindku u s-Segretarju ġibdulu l-attenzjoni li l-Kunsill jixtieq ikun jaf x'jkun għaddej dwar l-impjant propost fi Triq tal-Lewż.

111 *(para. 70)* Il-ħaddiema tal-IPSL qed jibnu l-ħajt li hemm imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini.

112 *(para. 71)* Dwar il-kompetizzjoni *Local Council Green Challenge Award* permezz tal-Promenade ta' Triq it-28 ta' April 1688, il-Kunsill għandu jixtri tletin pot biex jitpoġġew fuq il-bollards li hemm tal-konkos. Għandu jiġi kkonsultat is-Sur Bonello li jaħdem fid-Dipartiment tal-Agrikultura li hu espert f'din il-materja biex jintagħżlu l-pjanti. Fl-istess triq għandhom isiru s-sinjali mal-bankina fuq in-naħa tar-railing biss. Għandhom jitpoġġew numru ta' tabelli dwar il-ħmieġ tal-klieb.

113 *(para. 72)* Rigward il-Memo 46/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar li ftuħ tal-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Is-Segretarju u l-Assistent Prinċipal infurmaw lill-Kunsill li huma ma humiex interessati li jaħdmu nhar ta' Sibt. Il-Kunsill irid jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jimpjega lil xi ħadd part time. F'laqgħa oħra għandu jiġi deċiż l-ammont ta' siegħat li ser jaħdem dan l-impjegat part time.

114 *(para 73)* Dwar il-Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali, il-Kunsill beda t-tindif tat-Toroq Mhux Urbani. Dawn qed jitnaddfu mill-ħaddiema tal-ETC li hemm assenjati mal-Kunsill fl-iskema Xogħol fil-Komunita'. Il-Kunsill talab l-għajnuna finanzjarja lid-Dipartiemt tal-Gvern Lokali sabiex jitnaddfu t-toroq mhux urbani u xi spejjez oħra għal attivitajiet li ser jiġu organizzati. Is-Sur Joseph Attard għand jiġi ordnat jipprovdi l-iscammel biex jinġabar dan l-iskart għall-prezz ta' €58.23ċ bejn it-8.00a.m. u l-11 a.m.

115 *(para. 77)* Intbagħtet l-ittra fid-djar dwar il-korsijiet fil-litteriżmu bażiku. Żmien hemm sal-aħħar ta' Awwissu 2009. Dawn il-korsijiet isiru jekk ikun hemm applikazzjonijiet biżżejjed għal kull suġġett. F'każ li ma jkunx hemmx biżżejjed dawn jintbagħtu fl-iskola primarja tar-Rabat.

116 *(para. 78)* Saret laqgħa fis-16 ta' Settembru 2009 fil-Ministeru għal Għawdex dwar *Standard projects* taħt *ENPI CBC MED programme* li serja tagħlaq fis-16 ta' Settembru. F'din il-laqgħa ingħatat informazzjoni dwar il-programmi li hemm. Biex tieħu sehem f'dawn il-programmi trid issib partner/s biex il-Kunsill jkun jista' japplika. Fost il-partners irid ikun hemm Kunsill li jkun *leader* tal-proġett. F'din il-laqgħa ġie nnutat li ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed dwar il-programmi.

**Item 3. Korrispondenza**

117 Memo 48/2009 mid-Dipatiment tal-Gvern Lokali dwar Fondi Speċjali għal proġetti jew inizjattivi li twassal fid-direzzjoni ta' lokalitajiet sostenibbli. Il-Fond hu ta' €250,000. Kull applikazzjoni ser tiġi mgħejjuna sa massimu ta' 50%. Ser tingħata preferenza għal proġetti jew inizjattivi li jistgħu jibdew immedjatament. Din l-applikazzjoni tagħlaq fil-15 ta' Settembru 2009.

118 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kampanja mill-MTA sabiex tattira iżjed turisti lejn Malta u Għawdex biex tkabbar it-tixrid tat-tagħrif dwar l-identita' lokali fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Dawn iridu żewġ ritratti generali tal-lokalita' u ritratt tal-qaddisa patruna tal-lokalita'. Il-Kunsill għandu jagħżel sitt ritratti sabiex l-MTA tagħżel hi. Dawn għandhom ikunu rigward is-sisien ta' Ċenċ, il-bajja ta' Mġarr ix-Xini, id-Dolman, Curt-Ruts u ritratt ta' Santa Margarita.

119 Is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu u MEPA qed jipproponi li jorganizza "Il-Ġimgħa tal-Bnadar' bħala attivita' li titfa l-lenti fuq din it-tradizzjoni. Ġie propost mill-gvern li matul il-ġimgħa mit-8 sal-15 ta' Settembru sabiex inżommu l-bandiera tperper. Huma bagħtu kopja ta' din l-ittra lil kull għaqda fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

120 Ittra mill-ADT dwar il-*Conditional closure* of Triq it-28 ta' April 1688. Huma approvaw li waqt l-għeluq ta din it-triq x'ħin ikunu deħlin jew ħerġin it-tfal ta' l-iskola jiżdied il-kliem "Except for residents of Triq it-28 ta' April 1688. Il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mar-residenti konċernati fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan il-ħruġ għandu jkun min-naħa ta' Triq il-Blat biss. Dawn għandhom jingħataw sticker jew pass biex jkunu jistgħu joħorġu.

121 Id-Dipartiment tal-Artijiet approva t-talba tad-devoluzzjoni tal-art li kienet saret mill-Kunsill ta' qabel. Din l-art tinsab bejn Triq Ras in-Newwiela u Triq Bebunaq. Huma bagħtu kopja tal-kuntratt propost. Dan il-kuntratt ser ikun għal tliet snin u jerġa' jiġġedded. Din l-art ser tingħata lill-Kunsill għal kera ta' €250 fis-sena flok il-kera kummerċjali ta' €8,300. Il-Kunsill approva dan il-kuntratt.

122 Il-Kunsill irċieva kopja tad-deċiżjoni dwar il-permess tas-*Civic aminity site u separation of waste* li nħareġ tal-Kus, Ta' Lambert, Xewkija fejn kienet saret rappreżentazzjoni mill-Kunsill. Din l-applikazzjoni ġiet approvata mill-MEPA.

123 Ittra mill-*contracts' manager* ta' Street Lighting fejn informa lill-Kunsilli Lokali li kienu l-Kunsill Zebbuġ biss li għamel xi suġġerimenti u għalhekk kienu ser jiġu nklużi fl-offerta li ser toħroġ fit-28 ta' Awwissu 2009.

124 Ittra mill-Ambaxxata tal-Stati Uniti li l-*Public Affairs Officer* il-ġdid wasal Malta u ser tiġi delegazzjoni l-iskola primarja ta' Sannat nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu fil-9.45 a.m. Dawn ser jagħmlu xi lectures għat-tfal ta' l-Iskola Sajf.

125 Ittra mid-Direttur tal-Gvern Lokali li ma għandux *replacement* għal ħaddiem, Emanuel Mercieca li kien hemm assenjat mal-Kunsill li spiċċa bil-pensjoni. Dwar din il-materja l-Kunsill għandu jitkellem mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said meta ser jiltaqa' mal-Kunsill.

126 Email mingħand l-inġiniera Vella tal-Enemalta fejn qalet li ma ssibx oġġezzjoni li l-bozza teħel ftit 'il fuq iżjed minn fejn kien hemm Palazzo Margherita.

127 Ittra mill-fornitur tal-madum tal-uffiċċju tal-Kunsill fejn qal li huma ġa poġġew ammont sostanzjali ta' madum minn dik il-kunsinna u rriżultalhom li l-kwalita' tal-madum hi skond l-istandards tal-Unjoni Europea. Hu qal li ser jibgħat certifikat dwar il-kwalita' tal-madum. Il-perit ordna lil-kuntrattur li qed ipoġġi l-madum biex jibda l-madum f'karma bi prova.



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

128 Ittra mill-MEPA dwar it-tiġdid tal-permess tal-Belveder ta' Triq Skerla fejn il-Kunsill intalab garanzija ta' €2,000 biex joħroġ it-tiġdid tal-permess. Dan għandu jitħallas sabiex ma jaqax il-permess. Il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-avukata Monika Vella li hi l-avukat li qed tidher għal Kunsill fil-kawża li għamlu Ta' Ċenċ Masions u wara ssir laqgħa mal-Avukat tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-każ. F'din il-kawża għandu jiddaħal ukoll il-konsulent legali tal-Kunsill Dr. Grazzio Mercieca.

129 Email mingħand Andy Xuereb fejn offra li jaħdem ix-xogħol ta' *stained glass* li jista' jkun hemm fl-uffiċċju amministrattiv il-ġdid.

130 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali lil Galea Curmi Consultants fejn qaluhom li l-gvern qed jikkunsidra li jżid l-allokazzjoni lill-Kunsilli konċernati li għamlu t-talba tagħhom għal *Energy Saving Scheme.*

131 George Azzopardi kiteb lill-Kunsilli Lokali ta' Sannat u tax-Xewkija dwar iż-żjara ta' Dr. Suzenne Frey-Kupper li ser tanalizza l-muniti tal-proġett ta' Għar ix-Xiħ. Dawn l-ispejjez tat-transport u u tal-lukanda jinqasmu flimkien mal-universita' ta' Malta. Għandu jsir xi xogħol ieħor ta' tindif tal-materjal li nstab minn kuntrattur privat.

**Item 4. Attivita'/Wirja/ Tberik tal-Annimali**

132 Għal din is-sena l-Kunsill approva li ssir l-attivita' tat-Tberik tal-Annimali fil-Pjazza Cocco Palmeri fis-27 ta' Settembru 2009. L-isfilata tibda fit-8.15 a.m. minn Triq Sannat u tgħaddi minn Pjazza Santa Margerita għal Triq l-Isqof D. Cocco Parlmeri fejn isir it-tberik tal-annimali. Is-sena ta' wara għandha ssir forma ta' wirja.

**Item Programm ta' Attivita' Skema ta' Attivitajiet 2010**

133 Dwar il-*Fire Works & Beer Festival* għandu ssir programm tal-attivitajiet li ser isiru kif ukoll budget tal-ispejjez li ser jintefqu. Għandha ssir laqgħa għal dawk in-nies li ser jgħinu f'din l-attivita'. Għandu jitfassal programm biex jiġi approvat mill-Kunsill. L-applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandha ssir sal-11 ta' Settembru 2009. Din l-attivita' ser issir fis-6 ta' Ġunju 2010.

**Item 5. Mozzjonijiet**

Mozzjonijiet tal-Kunsillier Taddeo Bajada.

**Mozzjoni (1)**

134 Bħal ma jaf kullħadd il-Kunsilli Lokali ilhom jeżistu għal dawn l-aħħar 15-il sena, naħseb li għalkemm wieħed ma jridtx jinsa li ħafna xogħol li ssir mill-Kunsill Lokali ta kull raħal ma jkunx jidher u għal daqstant ma jkunx apprezzat mac-cittadini tar-raħal. Ħafna jgħidulek li fir-raħal ta tagħna Sannat ftit li xejn sar xogħol, speċjalment bħal toroq bit-tarmak, dak li għandu x'jaqsam ma' embellishment, postijiet ta rikreazzjoni, kif jien naħseb ukoll dwar dak li jirrigwarda Traffic Management etc. Pero wieħed irrid issemmi, xogħol riċentament ta' Belvedere li sar fi Triq 28/4/1688, il-Bini tal-uffiċċini, kif ukoll xogħol ieħor ippjanat mill-istess


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

Kunsill bħal tarmak fi Triq il-Blat, Triq Dun Lazzru Camilleri. Kif ukoll il-Playing area li hemm maħsub fl‘ inħawi ta’ Saguna u l-promanade fl-inħawi ta Triq Skerla.

Ghaldaqstant jien qed nagħmel diversi suġġerimenti/mozzjonijiet biex jitressqu fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għad-diskussjoni.

L-ewwel suggeriment huwa dwar Triq Sannat u Triq ta’ Ċenċ, fejn jiena ċert, li kulħadd jaf li dawn jaqgħu taħt ir-responsabilta’ tal-gvern ċentrali. Naf li kull Kunsill preċedenti, kiteb, ħadem, w iddiskuta diversi drabi fil-laqgħat tiegħu, kif ukoll mal-Ministeru għal Għawdex, u dipartimenti konċernati, biex dawn it-toroq jingħataw wiċċ gdid bit-tarmak.

Aħna bħala Kunsill għadna nkomplu ninsistu mal-Ministeru ta’ Għawdex u d-Dipartimenti kunċernati biex dawn jitwettqu u fl-istess waqt, għadna nkunu preparati, biex jekk dawn it-toroq jkunu sa jsiru, u jien nemmen li l-Ministeru u d-Dipartimenti konċernati, qed jaħdmu fuq dawn it-toroq. Għalhekk naħseb li għalkemm hija responsabilta’ tal-Gvern Ċentrali wkoll irridu niddiskutu dwar Sannat Junction, fejn diġa hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-ADT biex issir traffic management ġdid hemmhekk. Matul dawn it-toroq insibu il-pjazza tal-Knisja fejn hemm ukoll kien sar studju u hemm anke pjanti dwar embellishment tal-post u Traffic Management gdid li jinkludu numru ta’ *parking bays*, naħseb li dan il-progett għandu wkoll jerġa jitqajjem għad-diskussjoni

Parti oħra mit-toroq imsemmija li fiha nistgħu noħolqu ambjent aħjar, kif ukoll sistema ta’ Traffic Management aħjar, hija Triq ta’ Ċenċ k/m Triq Gruwa/Triq Marsilja u Triq ta’ Dun Luqa fejn hemm ukoll pjanti ta’ sistema ta’ Traffic Management u jidirli li kien hemm ukoll l-approvazzjoni min-naħa tal-ADT.

Pero fuq hemm nixtieq nagħmel suggeriment…. li gewwa t-traffic island li hemm indikata f’nofs is-sistema ta’ Traffic Management, għandu jsir Bust lil ex Membru Parlamentari Kelinu Galea li tant ħadem għar-raħal tagħna. Naħseb li wieħed għandu wkoll jagħmel studju ta’ Traffic Management fi Triq Ta’ Ċenċ ma’ Triq Skerla, kif ukoll fil-parti ta’ fuq ta’ Triq ta’ Ċenċ, qed nirreferi fejn il-Palazz ta’ Ċenċ u dan biex ikollna sistema li t-traffiku jimxi aktar b’ordni u joħloq inqas periklu.

Pero naħseb l-aktar ħaga mportanti fi Triq Sannat hija il-water culvert, u naħseb aħna bħala Kunsill irrid naħsbu fuqhom, u jien qed ngħid dan, għax naħseb li huma bzonnjużi peress li ma’ kull xita li tagħmel ikun hemm għargħar kbir, u nemmen li dawn għandhom issiru qabel jew fl-istess żmien li Triq Sannat tkun qed tingħata wiċċ gdid, u dan biex ma jsirx xogħol doppju u aktar spejjes.

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f’laqgħa oħra.

**Mozzjoni (2)**

135 It-tieni suggeriment huwa dwar il-funtana li hemm fi Triq l-Isqof C. Palmeri. Jidher li din il-Funtana (Munument ) qed tiswa lill-Kunsill ammont ta’ flus kull sena biex tinżamm nadifa, manutenzjoni u ħsarat oħra. Ġħalhekk qed nitlob lill-Kunsill il-possibilta :-

(1) li titneħħa dik il-parti (Il-funtana), u flok madwar, fil-fażka tintela b' ħamrija u jitwaħħlu fjuri/ xtieli/siġar (tipo dak li hemm mall-Munument A. Buttiġieġ il-Qala )

(2) l-area ta' fuq il-vaska tinkessa b'tip ta' biċċiet tal-irħam, waqt li l-funtani jaħdmu b'hekk l -ilma jibqa' jinżel minn fuq l-irħam għal ġol-ġibja. (Pero xorta jibqa' l-problema tal-pompa u ħsarat u spejjes).

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**Mozzjoni (3)**

136 It-tielet suġġeriment huwa li bħalma jaf kulħadd fl-inħawi magħruf "inni wara" li nħawi jinvolvu Triq il-Kbira, Triq 10 ta' Ottubru, Triq Gerxija,Triq Bardan u l-inħawi ta' madwar, jgħiexu numru ta' anzjani, fejn dawn l-anqas ma għandhom area/post (bellvedere) fejn jistgħu jgħaddu ftit tal-ħin speċjalment fis-sajf u ġranet sbieħ oħra, għaldaqstant jien qed nissuggerixxi li triq li hemm parallela ma' Triq il-Kbira u qed nirreferi …. mit-trejqa fejn toqgħod Peppa Camilleri (ta' Kitwit) sa sqaq li hemm wara r-residenza tal-familja Spiteri (tal-Fekrun) għandu jsir embellishment ta' dik is-sit tipo belvedere …. Bini ta ħitan tas-sejjieħ, bankina, bankijiet, tip ta fanali u anki xi qsari /siġar fl-isqaq etc.

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**Mozzjoni (4)**

137 Ir-raba suġġeriment tiegħi u dwar is-sqaq magħruf bħala sqaq ta' Dun Anastas, liema sqaq jinsab fi stat xejn tajjeb. Jiena qed nissuġġerri li dan is-sqaq għandu wkoll jingħata attenzjoni, u dan billi jingħata kisja cement/tarmak jew materjal ieħor.

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**Mozzjoni (5)**

138 -ħames suggeriment tiegħi u dwar il-pjazza magħrufa tax-Xelina fejn jien hemm hekk ukoll naħseb li għandu jsir studju dwar Traffic Management aħjar. Fl-istess pjazza qed nissuġġerixxi li hemm ukoll issir Bust ta' Wenzu Debrincat, li ukoll kien membru Parlamentari, persuna oħra bħal Kelinu Galea li tant ħadem għal ġid tar-raħal. Iva jien nemmen li dawn iż-żewġ persuni għandhom jingħataw dan ir-rikkonixxament billi jsiru dawn il-bustijiet, kif ukoll l-istess pjazza tingħata l-isem "Pjazza Wenzu Debrincat M.P."

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**Mozzjoni ( 6)**

139 Nixtieq ngħid ukoll li waqt il-*home visits* tiegħi fi Triq Gruwa osservajt biċċa art żdingata u minn stħarrig li għamilt ma' numru ta' individwi minn hemmhekk stqarrew li ma jafux ta' min hija u wisq probabbli li hija proprjeta' tal-Gvern. Naħseb li jekk fil-fatt din l-art hija proprjeta'

tal-Gvern, il-Kunsill jista' jakkwista permezz ta' devoluzzjoni u hemmhekk ukoll isir tip ta' ġnien żgħir. (Gnien bil-Kaktus) u jitpoġġew il-bankijiet li hemm fl-istess Triq, kif ukoll xi tip ta dawl dekorrettiv)

Din il-mozzjoni tħalliet biex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**Mozzjoni (7)**

140 Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2009 Lawrence Buttigieg magħruf aħjar bħala Belin li fil-preżent qiegħed jgħix fl-ispatar tax-Xjuħ ser jagħlaq mitt sena, u għaldaqstant qed nitlob lill-Kunsill biex f'din il-ġurnata jingħaqad miegħu u jorganizza festin ad unur tiegħu. Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-Kunsill qabel li ssirlu żjara fl-isptar fejn qiegħed rikoverat, kif ukoll jinġieb ta' Sannat fejn issirlu quddiesa u festin żgħir biex jiġi ċċelebrat iċ-ċentinarju ta' għeluq snienu. Dan għandu jsir fit-2 ta' Ottubru 2009.

**Mozzjoni (8)**

141 Fir-raħal tagħna Sannat, hawn numru sustanzjali ta' residenti barranin li dawn wkoll għandhom ikollhom l-ispazju fil-komunita' żgħira tagħna u nemmen li huma ukoll għandhokm x'joffru lir-raħal tagħna. Ghaldaqstant qieġħed nissuġġerixxi li jinħatar Sotto Kumitat minn fost dawn ir-residenti barranin biex anke dan is-sezzjoni ta' residenti jaqsmu l-ideat tagħhom dwar il-ħtiġijiet u prijorita' li hawn bżonn fir-raħal tagħna Sannat. Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Manuel Tabone.

Il-Kunsill qabel ma' din il-mozzjoni, għaliex sqwn jistgħu jagħtu kontribut fil-lokalita'. Dan is-Sotto Kumitat irid ikun biex jagħti l-pariri u mhux kif jiddeċiedu huma.

**Item 6. Materja Oħra**

142 Dwar il-ġbir tal-ħaxix li qed jinqata' u skart ieħor li reġa inġabar fi Triq tal-Lewż il-Kunsill għandu iqabbad lil Joseph Attard biex iġib l-iscammel ħalli l-ħaddima jiġbru kollox ġo fih. Hu talab €58.23c mit-8.00 sal 11.00 a.m kull darba.

143 Il-Kunsill qabel li jagħmel kuntratt ma' Dr.Tek Ltd. li min-naħa tiegħu jipprovdi laser printer u l-Kunsill jintrabat li jixtri it-toner għalih mingħandu. Dan il-printer jibqa' proprjeta' ta' Dr. Tek Ltd.

144 Dwar l-istima tax-xogħol ta' resurfacing fi Triq Mġarr ix-Xini, il-perit qabbad id-draftsman tiegħu biex jagħmel ix-xogħol.

145 Stima tas-sollijiet daħlet waħda biss. Din kienet ta' Julian Sultana and Co. Ltd. għal prezz ta' €654.28. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol.

146 Saru xi ilmenti dwar ipparkjar ħażin fil-Pjazza tax-Xelina fejn hemm il-bank għaliex qed jipparkjaw il-karozzi bl-addoċċ.

SANNAT

147 Il-bank li kien hemm fil-pjazza Santa Margarita ftit l-isfel mill-BOV tkisser minn xi vettura mhux magħrufa. Inxtara l-injam għalih biex isiru l-injam kollu mill-ġdid għaliex tkissru kollha. Il-bank li hemm ftit ‘il fuq mill-club tas-Sannat Lions F.C. għandu jitneħħa għaliex qed kontinwament jitħammeġ mill-għasafar. Dan għandu jitpoġġa ħdejn l-ieħor.

148 Is-Sibt, 3 ta’ Ottubru 2009 fil-Pjazza tax-Xelina ser issir attivita’ fejn jiġu mistiedna tal-Waste Serve Ltd. biex jagħmlu taħdita dwar is-separazzjoni tal-iskart. F’din il-kampanja l-Kunsill għandu jinvolvi lir-residenti kif ukoll lir-residenti barranin li joqogħdu fil-lokalita’.

**Item 7. Ilmenti**

149 Alison Vouyukas ta’ 1, Ta’ Ċenċ Mansions, Triq Skerla talbet sabiex fi triq il-ġdida fi Triq Skerla li ma tinfidx issir tabella *Dead End*. Il-Kunsill approva din it-talba.

150 Marvic Hili, Golden Rose, Triq Dun Luqa talab biex tiġi rranġata l-bankina tad-dar tiegħu għaliex taqleb ‘il gewwa u jinżel l-ilma tax-xita minn fuq il-bankina li qed jaqleb ‘il ġewwa u jidħol fid-dar fejn qal li qed jagħmillu ħafna ħsara. Dwar din il-bankina l-Kunsill għandu jara x’jista’ jsir sabiex tiġi solvut dan l-ilment sakemm ma tkunx qed jinħoloq xi periklu għal pubbliku.

151 Lawrence Fava ta’ Triq Xabbata talab biex tiġi rranġata l-bankina billi jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex ineħħu l-paving blocks u jerġgħu jagħmluha biex jagħmel il-membrane taħtha. Il-Kunsill approva din it-talba.

**Item 8. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

152 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond Skeda nru. 38.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta’ fil-għaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |